MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2007

Numru. 674/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Jonathan Zammit**

**Jonathan Zammit ta’ 33 sena, bin Vincent u Catherine nee Spiteri imwieled Attard fil-21 ta’ Novembru, 1973, residenti f’29, Triq il-Farfett, Marsa u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 42474(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonjiet kif dedotti kontra Jonathan Zammit u cioe` talli f’dawn il-Gzejjer, fit-2 ta’ Mejju, 2007, u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh jew importa

ghall-hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` diversi optical diskettes konsistenti f'DVDs;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh, jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-dirttijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetta bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat f'dan l-istadju bikri tal-proceduri.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputat llum seduta stante, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, ghandu fedina penali netta u ikkollabora bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghha;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 298(1)(f) u 298B u l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ssib lill-imputat hatti ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti qegħda twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jagħmel reat iehor matul  dana l-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti qegħda inoltre tordna d-distruzzjoni tal-hard drive esebita mill-Prosekuzzjoni bhala dokument JZ7.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------